MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 965/2011

B & B Construction Limited
vs
FGS Construction Ltd

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti li bih esponiet:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti tinsab kreditrici tas-socjeta` intimata fis-somma ta’ erbgha u ghoxrin elf seba’ mija tlieta u tmenin Euro u disgha u disghin centezmu (€24,783.99), bilanc tal-prezz ta’ materjal ta’ kostruzzjoni mibjugh u debitament konsenjat lis-socjeta` intimata, oltre imghaxijiet legali mill-21 ta’ Lulju, 2010, kif jidher dettaljat fis-*sales statement* anness mar-rikors guramentat u markat Dokument A.

2. Illi minkejja li s-socjeta` intimata giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammont shih dovut minnha, bl-imghaxijiet, hija baqghet inadempjenti.

3. Illi jezistu l-elementi kollha preskritti bid-dispozizzjonijiet ta’ l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh taghha billi d-dejn fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut u, fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti, is-socjeta` intimata ma ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq kontra din it-talba ghall-hlas.

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

(i) tiddeciedi t-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur ta’ l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta; u

(ii) konsegwentement tordna lis-socjeta` intimata sabiex thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ erbgha u ghoxrin elf seba’ mija tlieta u tmenin Euro u disgha u disghin centezmu (€24,783.99), bilanc tal-prezz ta’ materjal ta’ kostruzzjoni mibjugh u konsenjat lis-socjeta` intimata, bl-imghaxijiet legali mill-21 ta’ Lulju, 2010, kif fuq spjegat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-22 ta’ Gunju, 2011 u tal-mandat ta’ sekwestru fl-ismijiet premessi prezentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet sad-data ta’ l-effettiv pagament, kontra s-socjeta` intimata, li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensur tas-socjeta` rikorrenti.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` rikorrenti, u konfermata bil-gurament minn Angelo Bartolo li fiha ssemma li ghal zmien twil is-socjeta` rikorrenti bieghet u ikkonsenjat lis-socjeta` intimata diversi materjal ta’ kostruzzjoni. Zied li s-socjeta` intimata gieli kienet taghmel xi pagamenti, u l-ahhar pagament sar fil-21 ta’ Lulju, 2010. Dakinhar is-socjeta` intimata kien fadlilha thallas €24,783.99.

Rat illi fis-seduta tal-lum ma deher hadd ghas-socjeta` initmata, ghalkemm din giet debitament notifikata.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta` rikorrenti tidher gustifikata, u l-Qorti filwaqt li qed tiddeciedi t-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur ta’ l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed tordna lis-socjeta` intimata sabiex thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ €24,783.99, bilanc tal-prezz ta’ materjal ta’ kostruzzjoni mibjugh u konsenjat lill-istess socjeta` intimata, bl-imghaxijiet legali mill-21 ta’ Lulju, 2010.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-22 ta’ Gunju, 2011 u tal-mandat ta’ sekwestru fl-ismijiet premessi, u bl-imghaxijiet sad-data ta’ l-effettiv pagament, kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------